Illi bit-termini u l-kundizzjonijiet imsemmija fi tlett kuntratti ...omissis... l-konvenut William Caruana ggarantixxa flimkien u ‘in solidum’ ma’ Pyramid Hotels Limited, għaf-favur tal-attriċi, id-debiti tal-istess Pyramid Hotels Limited, mal-Bank of Valletta p.l.c. sal- valur ta’ €1,555.998.14, oltre l-imgħax u l-ispejjeż.

…omissis…

Illi bit-termini u l-kundizzjonijiet imsemmija f’żewġ kuntratti wieħed datat 31 ta’ Lulju 1997, in atti Nutar Rachel Sammut u l-ieħor datat 4 ta’ Lulju 1997, in atti Nutar Pierre Attard, il-konvenuta soċjetà Cloisters Walk Limited,

By means of two decrees given by the Court of Appeal, on the 20th May 2009 and the 4th June 2009, in the records of the Writ of Summons number 2303/1999 GCD, in the names Bank of Valletta p.l.c. (C 2833) vs Pyramid Hotels Limited et, the Court ordered the following publication for the purpose of service of the respondents William Caruana, Pyramid Hotels Limited, and Cloisters Walk Limited, in terms of Article 187(3) et. of Cap. 12.

By means of an Application filed in the Court of Appeal, Writ of Summons Number 2303/1999 GCD, Decided 03.10-2008, Bank of Valletta p.l.c. vs Pyramid Hotels Limited, William Caruana, Edward and Kim spouses Ellul, William Caruana who by decree of the 23rd February 2000, was appointed curator to appear for the absent Kenneth Caruana, Raymond and Angela spouses Demicoli, Carmel Camilleri, and Cloisters Walk Limited, on the 5th December 2008, the company Bank of Valletta p.l.c. (C 2833) pleaded with respect:

That by means of a Writ of Summons filed on the 21st October 1999, the applicant company premised;

That by the terms and conditions mentioned in four contracts, three of them in the records of Notary Dr. Rachel Sammut dated two of them 27th March 1997, Dok ‘D’ and Doc ‘E’ and the other dated 31st July 1997, Doc ‘U’ and the other dated 4th July 1997 Doc ‘V’ in the records of Notary Dr. Pierre Attard, the company Bank of Valletta p.l.c. granted a ‘Loan and Overdraft Facilties’ to the defendant company Pyramid Hotels Limited;

That the plaintiff company, is a creditor of the defendant Pyramid Hotels Limited, in the sum of €2,134.828.02 balance of debt in the ‘Loan and Overdraft Accounts’ of Pyramid Hotels Limited, with the plaintiff …omissis… together with further interest, from the 1st October 1999, till the date of effective payment.

That by the terms and conditions mentioned in the three contracts ...omissis... the defendant William Caruana guaranteed together and ‘in solidum’ with Pyramid Hotels Limited, in favour of the plaintiff, the debts of the same Pyramid Hotels Limited, with the Bank of Valletta p.l.c. till the value of €1,555.998.14, besides interest and expenses.

…omissis….

That by the terms and conditions mentioned in two contracts one dated 31st July 1997, in the records of Notary Rachel Sammut and the other dated 4th July 1997, in the records of Notary Pierre Attard, the defendant company

iggarantiet flimkien u 'in solidum' ma Pyramid Hotels Limited, għaf- favur tal-attriċi id-debiti tal-istess Pyramid Hotels Limited, mal-Bank of Valletta p.l.c. sal-valur ta' €465.874 .68, oltre l-imgħax u l-ispejjeż.

Illi l-konvenuti ġew interpellati permezz ta' seba' ittri uffiċjali datati 19 ta' Jannar 1999 (Dok ' N' sa Doc 'T') sabiex iħallsu id-dejn fuq imsemmi, iżda baqgħu inadempjenti.

U talbet li;

1.Tikkundanna lis-soċjetà Pyramid Hotels Limited, tħallas lis-soċjetà attriċi, s-somma ta' €2,134.828.02 bilanċ għad-debitu mal-Bank of Valletta p.l.c. flimkien mal-imgħax mill-1 ta' Ottubru 1999, sad-data tal-effettiv pagament.

2. Tikkundanna lil- konvenut William Caruana flimkien 'in solidum' mas-soċjetà Pyramid Hotels Limited, iħallas lill-attriċi s-somma ta' €1,555,998.14 bilanċ għad-debitu fil-'Loan u Overdraft Accounts' ta' Pyramid Hotels Limited, mal-Bank of Valletta p.l.c. ...omissis… flimkien mal-imgħax ulterjuri, mill-1 ta' Ottubru 1998, sad-data tal-effettiv pagament.

…omissis…

7. Tikkundanna lill-konvenuta soċjetà Cloisters Walk Limited, flimkien 'in solidum' mas-soċjetàPyramid Hotels Limited, tħallas lil attriċi s-somma ta' €465.874.68 bilanċ għad-debitu mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok A sa Dok C2) flimkien mal-imgħax ulterjuri, mill-1 ta' Ottubru 1998, sad-data tal-effettiv pagament.

Bl-ispejjeż ...omissis… il-konvenuti inġunti in subizzjoni.

Illi permezz tan-Nota tal-Eċċezzjonijiet tagħhom il-konvenuti eċċepew.

…omissis…

Illi permezz ta' sentenza mogħtija mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fis-27 ta' Ottubru 2006, dik il-Qorti ċaħdet l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenuti appellanti, ħlief għal dik dwar l-imgħaxijiet komposti.

Illi permezz ta' sentenza mogħtija mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fit-3 ta' Ottubru 2008, l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, ċaħdet ukoll l-aħħar eċċezzjoni li kien fadal u cioè dik dwar l-imgħaxijiet komposti u kkundannat ....omissis…

Illi l-imsemmija tlett konvenuti Pyramid Hotels Limited,

Cloisters Walk Limited, guaranteed together and 'in solidum' with Pyramid Hotels Limited, in favour of the plaintiff, the debts of the same Pyramid Hotels Limited, with the Bank of Valletta p.l.c. till the value of €465.874.68, besides interest and costs.

That the defendants were called upon by means of seven judicial letters dated 19th January 1999 (Doc 'N' till the Doc 'T') to pay the debt above mentioned, but remained in default.

And asked that;

1.The company Pyramid Hotels Limited, be condemned to pay the plaintiff company the sum of €2,134.828.02 balance of debt with the Bank of Valletta p.l.c. together with interest from the 1st October 1999, till the date of effective payment.

2. Condemn the defendant William Caruana together 'in solidum' with the company 'Pyramid Hotels Limited, to pay the plaintiff the sum of €1,555.998.14 balance of debt in the 'Loan and Overdraft Accounts' of Pyramid Hotels Limited, with the Bank of Valletta p.l.c. …omissis... together with further interest, from the 1st October 1998, till the date of effective payment.

…omissis…

7. Condemn the defendant company Cloisters Walk Limited, together and 'in solidum' with the company Pyramid Hotels Limited, to pay the plaintiff the sum of €465,874.68 balance of debt with the Bank of Valletta p.l.c. (Doc A to Doc C2) together with further interest, from the 1st October 1998, till the date of efffective payment.

With costs ...omissis… the defendants are summoned so that a reference to their evidence be made.

That by their Note of Pleas the defendants pleaded.

…
omissis…

That by means of a judgement given by this Honourable Court First Hall, on the 27th October 2006, that Court rejected all the pleas of the appellant defendants, except those regarding compound interest.

That by means of a judgement given by the Honourable First Hall Civil Court, on the 3rd October 2008, the Honourable First Hall Civil Court, rejected also the last plea which remained and namely that of compound interests and condemned ...omissis…

That the said three defendants Pyramid Hotels Limited,

William Caruana u Cloisters Walk Limited, interponew Appell, quddiem din l-Onorabbli Qorti tal-Appell, mis-sentenza fuq imsemmija u liema Appell huwa msejjes unikament fuq l-aggravju tal-imgħaxijiet komposti.

Illi l-esponenti l-ewwel nett tissotometti illi l-Appell huwa frivolu u vessatorju u dan għar-raġunijiet segwenti.

Illi l-esponenti tagħmel riferenza għal komputazzjonijiet li ħija ppreżentat, quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti, in segwitu għas-sentenza tas-27 ta' Ottubvru 2006, fejn ġiet ordnata tippreżenta prospetti u bilanċi li jirrispekkjaw kemm il-bilanċ dovut, bl-imgħaxijiet sempliċ, kif ukoll dak dovut bl-imgħaxijiet komposti u l-esponenti tagħmel hawn riferenza għal dik in nota, ippreżentata, fl-atti fit-23 ta' Frar 2007. Minn hemhekk jirriżulta li (a) jekk il-kontijiet jinħadmu fuq bilanċ sempliċi mil-bidu tal-kontijiet rispettivi sal-1 ta' Ottubru 1999, il-bilanċ dovut ilaħħaq is-somma €2,088.895.90 u (b) jekk il-bilanċ jinħadem b' imgħax sempliċi, fir-rigward ta' Loan Account u imgħax compost fir-rigward ta' Overdraft Account sal-jum tal-1 ta' Ottubru 1999, dan il-bilanċ ilaħħaq is-somma ta' €2,096,951.06. Issa dan l-Appell qed issir mis-soċjetà Pyramid Hotels Limited, minn William Caruana u mis-soċjetà Cloisters Walk Limited. Kif jirrizulta mill-imsemmija sentenza, William Caruana, ġie kkundannat iħallas is-somma ta' €1,555.998.14, u s-soċjetà Cloisters Walk Limited, ġiet ikundannata tħallas is-somma ta'€465874.68 . Issa għar-raġunijiet imsemmija f' kaz illi dan l-Appell jintrebaħ u gialdarba dan l-Appell jirrigwarda biss l-inċidenza u d-differenza bejn l-imgħaxijiet b' komputazzjoni sempliċi fuq kont ta' Overdraft u dak b' komputazzjoni b'mod compost id-differenża matematika hija biss ta' €2,096,951.06 - €2,088.985.95 u cioe' €7,965.11 flimkien mal-imgħaxijiet, mill-1 ta' Ottubru 1999. Ergo dan ifisser li fir-rigward tal-appellanti William Caruana u Cloisters Walk Limited, dan l-Appell huwa kompletament inutili stante li anke li kieku f' kaz ta' eżitu favorevoli l-imgħaxijiet kellhom jiġu komposti bir-rata sempliċi, xorta wahda l-istess żewġ appellanti William Caruana u Cloisters Walk Limited, stante li l-garanzija tagħhom ma kienetx tasal sas-somma kollha dovuta mis-soċjetà Pyramid Hotels Limited, qua debitriċi principali, jibqgħu responsabbli għall-istess somma kif kanonizzata mis-sentenza tal-Ewwel Onorabbli Qorti. Mentri fir-rigward tas-soċjeta' debitriċi principali Pyramid Hotels Limited, id-differenza li dan l-Appell jista' jinkorrilha hija biss ta' €7,965.11 u anke jekk zzid l-imgħaxijiet fuq l-istess, eventwalment dawn ser ikunu bejn €8,000.00 u €10.000.00 oħra. Kontra din però s-soċjetà appellanti, taf ben tajjeb li anke fuq is-somma li allura qed tirreklama li għandha tagħti u cioè is-somma ta' €2,088.986.00 s-somma dovuta meta hekk l-imgħaxijiet jinħadmu b'mod sempliċi, anke fil-kuntratt ta' Overdraft, għaddejjin imgħaxijiet anke jekk wieħed izomm biss bir-rata ta' 8% b' mod sempliċi ttik is-somma ta' €167,118.88 fis-sena. Dan ifisser illi sad-data tal-preżentata ta' din ir-risposta,

William Caruana and Cloisters Walk Limited, filed an Appeal, before this Honourable Court of Appeal, from the judgement above mentioned and which Appeal is based solely on the grievance of compound interests.

That the applicants in the first place submit that the Appeal is frivolous and vexatious and this for the following reasons.

That the applicants refer to the computation which they presented before the Honourable First Court, following a judgement of the 27th October 2006, whereby it was ordered to present prospectus and balances which reflect both the balance due, with simple interests, as well as that due by compound interest, and the applicants hereby refer to that note presented in the records of the 23rd February 2007. From there it results that (a) if the accounts are worked out on simple balances from the beginning of the respective accounts till the 1st October 1999, the balance due shall amount to €2,088.895.90 and (b) if the balance is worked out on the basis of simple interest, as regards the Loan Account and compound interest as regards the Overdraft Account till the day of the 1st October 1999, this balance shall amount to €2,096.951.06. Now this Appeal is being made by the Pyramid Hotels Limited, by William Caruana and by the company Cloisters Walk Limited. As results from the said judgement, William Caruana was condemned to pay the sum of €1,555.998.14 and the company Cloisters Walk Limited, was condemned to pay the sum of €465.874 .68. Now for the reasons mentioned, in case this Appeal is won, and once this Appeal regards only the incidence and the difference between the interest by simple computation on an account of Overdraft and that by compound computation, the mathematical difference is only of €2,096.951.06 - €2,088.985.95 and namely €7,965.11 together with interests from the 1st October 1999. Thus this means that as regards the appellants William Caruana and Cloisters Walk Limited, this Appeal is completely useless, since that even in the case of a favourable outcome, the interests, had to be computed by simple interest, the two appellants William Caruana and Cloisters Walk Limited, since their guarantee did not amount to all the amount due by the company Pyramid Hotels Limited qua principal debtor, they still remain responsible for the same sum as declared by the Honourable First Court. Whilst as regards the principal debtor company Pyramid Hotels Limited, the difference that this Appeal can make for it is of €7,965.11 and even if the interest on the same is added, eventually, these shall be between €8,000.00 and another €10,000. Against this however the appellant company well knows that even on the sum which it is claiming to be due and namely the sum of €2,088.986.00, the sum due when the interests are worked out at the rate of simple interest, in the contract of Overdraft, there shall run interests, even if one sticks to the rate of 8%, by simple interests, there shall result the sum of €167,118.88 per annum. This means that till the date of presentation of this reply there have already

diġà għaddew imgħaxijiet fuq is-somma kif l-appellanti tippretendi li għanha tkun u b'imgħaxijiet sempliċi ta' 8% ta' madwar €28,000.00 u naturalment peress li din l-Onorabbli Qorti tal-Appell, hija mgħobbija b' xogħol ħafna aktar milli umanament wieħed jista iġorr, sakemm jinstema u jiġi deċiż dan l-Appell, is-somma dovuta f'imgħaxijiet tista' faċilment tkun ta' mijiet ta' eluf ta' Ewro. Dan biex skont is-soċjetà appellanti Pyramid Hotels Limited, ma tħallas id-differenza f'imgħax ta' massimu ta' tmintax il-elf Ewro (€18,000.00).

…omissis…

Issa l-attiv kwazi esklussiv li fuqu tista teżegwixxi kwalsiasi eventwali sentenza l-esponenti, huwa block ta' appartamenti magħruf aħjar bħala 'Lapsi Hotel' li illum jinstab fi stadju ta' abbandun. Fl-umli sottomissjoni tal-esponenti huwa ċar u manifest illi anke li kieku ma jibqgħux għaddejjin l-imgħaxijiet, tezisti l-possibbiltà reali li l-esponenti ma titħallasx, id-debitu lilha dovut u li ser jifdalha ammont astronomiku li ma tirċeviex …omissis…

Illi għalhekk jiġi umilment sottomess kif jipprovdi s-subinċiż 7 tal-Artikolu 225 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet, id-dewmien fl-ezekuzzjoni tas-sentenza mill-Onorabbli Prim'Awla fis-27 ta' Ottubru 2006 u dik tat-3 ta' Ottubru 2008, ser jarreka pregudizzju enormi lill-appellanti, mentri William Caruana u Cloisters Walk Limited ma jbatu assolutament l-ebda pregudizzju, filwaqt li s-soċjetà Pyramid Hotels Limited, m'hi ser tagħmilha l-ebda effett l-inċidenza ta' €18,000 meta l-istess Pyramid Hotels Limited, fuq il-bilanċ ta' €8,569,869.09 minnha dovut għaddej imgħax ta' ' l fuq minn €55,000.00 fix-xahar.

Illi naturalment il-figuri tant huma astronomiċi u meta konfrontata mal-fatt tad-differenza tal-massimu ta' €18,000.00 illi fuqu jista' jkun hemm differenza bejn l-imgħaxijiet komposti u l-imgħaxijiet sempliċi kif qed tipprospetta l-appellanti Pyramid Hotels Limited, u meta jiżdied il-fattur li l-uniku proprjetà ta' ċerta valur li għandha l-istess Pyramid Hotels Limited, li fuqha tista' ssir l-eżekuzzjoni hija l-lukanda ġa msemmija, li tinsab fi stadju ta' abbandun, omissis.. anke jekk wieħed iħares lejn l-appellanti l-oħra William Caruana u Cloisters Walk Limited, kif ukoll kredituri oħra tal-istess Pyramid Hotels Limited u l-persuni l-oħra kkundannati fis-sentenza tat-3 ta' Ottubru 2008, biex iħallsu d-debitu huwa proprju fl-interess ta' dawn il-persuni kollha li l-eżekuzzjoni tkun tista' ssir malajar kemm jista jkun.

Għar-raġunijiet suesposti l-esponenti titlob umilment li din l-Onorabbli Qorti tal-Appell, jogħġobha, ai termini tal-Artikolu 226 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet, tiddikjara bħala

run interests on the sum as the appellants expect that it should be and by simple interest of 8% of approximately €28,000.00 and naturally because this Honourable Court of Appeal is burdened with a more work that one can humanely bear, until this Appeal is heard and decided, the sum due by way of interest can easily be one of hundreds of thousands of Ewro. This so that according to the company Pyramid Hotels Limited, it does not pay the difference in interest of a maximum of eighteen thousand Ewro (€18,000.00).

…omissis…

Now the exclusive assets on which the applicants can execute any eventual judgement is a block of apartments better known as 'Lapsi Hotel' which is today to be found in a state of abandonment. In the humble submission of the applicant, it is clear and manifest that even if interest did not continue to run, there exists a real possibility that the the applicant is not paid its debt and there shall remain an enormous balance which it shall not receive …omissis…

That thus it is humbly submitted as provided in subsection 7 of Article 225 of Cap. 12 of the Laws of Malta, the delay in the execution of the judgement of the Honourable First Court Civil Hall on the 27th October 2006 and that of the 3rd October 2008, shall cause enormous prejudice to the appellants, whilst William Caruana and Cloisters Walk Limited shall suffer no prejudice at all, whilst it shall have no effect on the company Pyramid Hotels Limited, when the same Pyramid Hotels Limited, on the balance of €8,569.869.09 is running an interest of more than €55,000.00 per month.

That naturally the figures are so high and when confronted with the fact that the difference of the maximum of €18,000.00 on which there can be a difference between the compound interest and the simple interest as proposed by the appellant Pyramid Hotels Limited, and when there is added the factor that the only property of certain value which Pyramid Hotels Limited, on which execution can take place is the hotel already mentioned, which is to be found in a state of abandonment …omissis… even if one looks at the other appellants William Caruana and Cloisters Walk Limited, as well as other creditors of the same Pyramid Hotels Limited and the other persons condemned in the judgement of the 3rd October 2008, to pay their debt it is in the interest of all these persons that the execution can take place as quickly as possible.

Thus for the reasons above mentioned the applicants humbly pray this Honourable Court of Appeal , so that in terms of Article 226 of Cap. 12 of the Laws, it declares as

eżegwibbli proviżorjament u tawtorizza lill-esponenti teżegwixxi is-sentenzi mogħtija mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fis-27 ta' Ottubru 2006 u 3 ta' Ottubru 2008, fl-ismijiet premessi, għaliex kollox taħt dawk il-provvedimenti xierqa u opportuni li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tordna u timponi.

Fil-Qorti tal-Appell
S.T.O. Prim Imħallef Vincent Degaetano, LL.D.
Onor. Imħallef Joseph D. Camilleri, LL.D.
Onor. Imħallef Joseph Filletti, LL.D.

Ċitazzjoni Numru 2303/99

Bank of Valletta

Vs

Pyramid Hotels Ltd.

Il-Qorti,

Rat ir-rikors,

Tordna qabel xejn in-notifika tiegħu lill-kontroparti kollha li jkollhom jumejn (2) utili għal fini ta' risposta.

Tirriżerva li tipprovdi dwar it-talba ulterjorment.

Illum 9 ta' Diċembru 2008.

Iff. Dep. Reg. Saviour Aquilina BA (Hons) MA.

Intimati: 1. Pyramid Hotels Limited,
The Cove, Bay Junction,
St Julian's.

2. William Caruana,
4/8 Church Street, Lapsi Street,
St Julian's.

3. Cloisters Walk Limited,
11, Panorama Flats, Bay Junction,
St Julian's.

Reġistru tal-Qrati Superjuri (Appelli) illum 11 ta' Ġunju 2009.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

provisionally enforceable and authorize the applicant to execute the judgements, given by the First Hall Civil Court ,on the 27th October 2006 and the 3rd October 2008, in the names premised everything under those reasonable and opportune provisions which this Honourable Court, deems fit to order and impose.

In the Court of Appeal
His Honour the Chief Justice Vincent Degaetano, LL.D.
Hon. Mr Justice Joseph D. Camilleri, LL.D
Hon. Mr Justice Joseph Filletti, LLD.

Writ of Summons Number 2303/99

Bank of Valletta

Vs

Pyramid Hotels Ltd.

The Court,

Saw the application,

Orders in the first place that the respondents be notified and they shall have two (2) working days to file a reply.

Reserves to provide as regards the demand later on.

Today 9th December 2008.

Sgd. Dep. Reg. Saviour Aquilina, BA (Hons) MA.

Respondents. 1. Pyramid Hotels Limited,
The Cove, Bay Junction,
St Julian's.

2. William Caruana,
4/8 Church Street, Lapsi Street,
St Julian's.

3. Cloisters Walk Limited,
11, Panorama Flats, Bay Junction,
St Julian's.

Registry of the Superior Courts (Appeals) today 11th June 2009.

ADV. DR FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1027

B'digriet mogħti mill-QORTI ĊIVILI, PRIM' AWLA fis-6 ta' Marzu, 2009 fuq rikors ta' Saviour Falzon ġie ffissat il-jum tal-Ħamis, 23 ta' Lulju, 2009 fl-10.30 a.m. għall-BEJGĦ BL-IRKANT li għandu jsir FIL-KURITURI TAL-QRATI TAL-ĠUSTIZZJA, TRIQ IR-REPUBBLIKA, VALLETTA tal-fond hawn taħt deskritt.

Il-fond mezzanin bin-numru dsatax (19), sovrappost proprjetà ta' terzi, Triq San Karlu kantuniera ma' Triq Falzon, Sliema, stmat li jiswa €92,000.

L-imsemmija proprjetà tappartjeni lil Anna Hazzouri (KI 62151M).

N.B. L-imsemmija proprjetà tinbiegħ bħalma ġiet deskritta fl-atti tas-subbasta numru 7/09.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 5 ta' Ġunju 2009.

ALAN K. ZERAFA, B.A. (HONS.), M.A.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u TribunalI

By decree given by the CIVIL COURT, FIRST HALL on 6th March, 2009 on the application of Saviour Falzon, Thursday, 23rd July, 2009 from 10.30 a.m., has been fixed for the SALE BY AUCTION to be held IN THE CORRIDORS OF THESE LAW COURTS, REPUBLIC STREET, VALLETTA of the following property.

Tenement maisonette numbered nineteen (19) overlying third party property, Saint Charles Street corner with Falzon Street, Sliema, valued at €92,000.

The said property belongs to Anna Hazzouri (ID 62151M).

N.B The said tenements will be sold as described in the acts of file number 7/09.

Registry of the Superior Courts, this 5th June 2009.

ALAN K. ZERAFA, B.A. (HONS.), M.A.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1028

B'digriet tas-26 ta' Awissu 2008, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, ordnat il-pubblikazzjoni tal-bandu li jidher hawn taħt għall-finijiet tal-Artikolu 931(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta

Lill-Marixxall tal-Qorti

Billi b'digriet mogħti minn din il-Qorti, fis-26 ta' Awissu 2008, fuq talba tal-Avukat Dottor Luigi A. Sansone LLB (Hons) LLD noe, ġie ordnat biex jintgħażlu kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lil-assenti soċjetà EURL Chihab Echark Import & Export, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 846/08 RCP, fl-ismijiet Dott. Luigi A. Sansone noe vs Kuraturi Deputati u fl-atti l-oħra relattivi u sussegwenti.

Permezz ta' Rikors Ġuramentat ippreżentat fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fl-ismijiet Avv. Dott. Luigi A. Sansone LLB (Hons) LL.D. detentur tal-Karta tal-Identità numru 258269 ittra 'M" bħala mandatarju speċjali ta'Basic Trademark S.A. soċjetà estera ta' nazzjonalità Lussemburgiża, bis-sede legali tagħha f'Route d'Arlon L-1150 Luxembourg vs Kuraturi Deputati sabiex jirraPpreżentaw lill-Eurl Chihab Echark Import & Export ta' 18 Rue Mediaza, Cite An-Nasr-Batna l-Alġerija, fl-20 ta' Awissu 2008, ir-rikorrenti talab lil din l-Onorabbli Qorti;

By means of a decree of the 26th August 2008, the First Hall Civil Court, ordered the publication of the bann which appears hereunder for the purpose of Article 931(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Bann for Curators

Republic of Malta

To the Marshall of the Court

Whereas by a decree given by this Court, on the 26th August 2008,following a request of Advocate Dr. Luigi A. Sansone LLB ( Hons) LLD noe, it was ordered that Deputy Curators be chosen to represent the absent company EURL Chihab Echark Import & Export, in the records of the Sworn Application number 846/08 RCP, in the names Dr Luigi A. Sansone noe vs Deputy Curators and in the relative and subsequent acts.

By means of a Sworn Application, filed, in the First Hall Civil Court, in the names Advocate Dr Luigi A. Sansone, LLB (Hons) LL.D. holder of Identity Card number 258269 letter 'M' as special mandatary of ' Basic Trademark S.A a foreign company domiciled in Luxembourg, with its registered office at Route d'Arlon L-1150 Luxembourg vs Deputy Curators to represent EURL Chihab Echark Import & Export of 18, Rue Mediaza, Cite An-Nasr-Batna, Algiers, on the 20th August 2008, the applicant asked this Honourable Court;

1.Tiddikjara l-oġġetti konsistenti f'żraben sportivi u materjal ta' ttikkettjar u ta' ppakkjar relattiv li lkoll fihom inter alia disinn ta' żewġ figuri umani pożizzjonati b'mod partikolari kif ukoll il-kelma 'Kappa' u li jinsabu preżentement miżmuma taħt l-Awtorità tal-Kontrollur tad-Dwana wara li huwa kien sab li l-Container TRLU 7084778 kien fih l-imsemmija oġġetti, jikkontravjenu d-drittijiet ta' proprjetà intelletwali tas-soċjetà attriċi.

2. Tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiddisponi minn tali oġġetti 'l hinn mill- Kanali tal-Kummerċ, b'dak il-mod li jipprekludu xi ħsara lir-rikorrenti jew tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiddistruġġi dawk l-oġġetti, f'kull każ mingħajr ebda kumpens lil u a spejjeż tal-konvenuta.

3. Tieħu jew tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jieħu dwar dawk l-oġġetti kull miżura oħra li jkollha l-effett li effettivament iċċaħħad lill-konvenuta mill-benefiċċji ekonomiċi tat-transazzjoni.

4. Tordna li l-konvenuta għandha tbati l-ispejjeż kollha konnessi mal miżuri ordnati, a termini tat-tieni u tielet talbiet attriċi.

Bl-ipejjeż kontra l-konvenuta li minn issa hija inġunta għas-subizzjoni.

Lista ta' Xhieda.

Lista ta' Dokumenti.

Attur Nomine: Avukat Dott. Luigi A. Sansone LLB (Hons) LL.D. detentur tal-Karta tal-Identità numru 258269(M) bħala mandatarju speċjali ta' Basic Trademark S.A. soċjetà estera ta' nazzjonalità Lussemburgiża, bis-sede legali tagħha f'Route d'Arlon L-1150- Luxembourg - 84 Triq Melita, Valletta VLT 1120.

Konvenuta: Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw lil EURL Chihab Echark Import & Export ta' 18, Rue Mediaza Cite An-Nasr-Batna, l-Alġerija –il-Qorti, Valletta, żewġ kopji)

Int għaldaqstant ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti Superjuri u ssejjaħ b'dan lil kull min irid jidħol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt ijiem f'dan ir-Reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni li huwa jidħol għal dan.

Int ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħżel kuratur tal-uffiċċju.

U wara li tkun għamilt dana, jew jekk tiltaqa' ma xi xkiel fl-eżekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

1.To declare that the objects consisting in sports shoes and labeling material and relative packaging which all have inter alia a design with two human figures in a particular position as well as the word 'Kappa' and which are presently held under the Authority of the Comptroller of Customs after he had found the Container TRLU 7084778 had the said objects, contravene the rights of intellectual property of the plaintiff company.

2. Order the Comptroller of Customs to dispose of the said objects outside the Chanels of Trade and in such a manner as to preclude any damage to the applicant or the Comptroller of Customs to destroy those objects, in any case without any compensation and at the expenses of the defendant.

3. To take or order the Comptroller of Customs to take as regards those objects any other measure that shall the effect to effectively deprive the defendant of the economic benefits of the transaction.

4. To order that the defendant is to bear all the expenses connected with the measures ordered in terms of the second and third demand of the plaintiff.

With costs against the defendant from now summoned so that a reference to her evidence be made.

List of Witnesses.

List of Documents.

Plaintiff Nomine: Advocate Dr Luigi A. Sansone, LLB (Hons) LL.D. holder of identity card number 258269(M) as special mandatary of Basic Trademark S.A a foreign company domiciled in Luxembourg, with its registered office in Route D'Arlon, L-1150-Luxembourg- 84, Melita Street, Valletta VLT 1120.

Defendant: Deputy Curators to represent EURL Chihab Echark Import & Export of 18, Rue Mediaza Cite An-Nasr-Batna, Algiers, Courts of Justice, Valletta, two copies).

Your are therefore ordered to affix an official copy of this bann of this Superior Court and to summon whosoever wishes to act as curator to appear before this Registry within six days and by means of a minute to submit a declaration that he wishes so to act.

You are also ordered to inform each one that if he fails to make this declaration within the stipulated time, the Court will proceed to the selection of curators of office.

And after so acting or if you should encounter any difficulty in the execution of the said bann, you are to inform forthwith this Court.

Mogħti mill-Qorti Ċivili Prim'Awla hawn fuq imsemmija bix-xhieda tal-Onor. Imħallef Albert Magri, LL.D.

Illum 26 ta' Awissu,2008.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 12 ta'Ġunju, 2009.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Given by the Civil Court First Hall above mentioned with the witness of the Hon. Mr Justice Albert Magri, LL.D.

Today 26th August 2008.

Registry of the Superior Courts, today 12th June 2009.

ADV. DR FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1029

B'digriet mogħti fl-24 ta' Marzu 2009, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 784/08 GV, fl-ismijiet Condorelli Matthew vs APS Bank Limited (C 2192) il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-kjamati fil-kawża, a tenur tal-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12. Billi l-kjamat fil-kawża Pierre Calleja, biss, għadu mhux notifikat din il-pubblikazzjoni qiegħda isservi għan-notifika tiegħu.

Permezz ta' Rikors Ġuramentat ippreżentat fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fl-ismijiet Matthew Condorelli KI 223299(M) vs APS Bank Limited (C 2192) u b'digriet tat-23 ta' Jannar 2009, il-Qorti ordnat il-kjamat in kawża Multichem International Limited u Pierre Calleja u Josephine Vella, fl-1 ta' Awissu 2008, ir-rikorrenti Matthew Condorelli KI 223299(M) talab is-soċjetà intimata tgħid għaliex din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex;

1.Tiddikjara li l-oġġetti mobbli maqbuda permezz tal-Mandat ta' Qbid imsemmi fir-rikors huma kollha proprjetà tar-rikorrent.

2. Konsegwentement tordna t-tħassir tal-Mandat ta' Qbid, fuq imsemmi u r-rilaxx tal-oġġetti mobbli maqbuda a favur tar-rikorrent.

Bl-ispejjeż, kontra s-soċjetà intimata minn issa inġunta in subizzjoni.

Lista ta' xhieda.

Lista ta' Dokumenti.

Kjamat fil-kawża: Pierre Calleja, 38, Triq Belvedere, Gżira.

Ir-Rikors Ġuramentat numru 784/2008 JZM, fl-ismijiet Condorelli Matthew vs APS Bank Limited (C 2192) jinsab differit għat-Tlieta, 23 ta' Ġunju 2009, wara d-9.00 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 15 ta' Ġunju 2009.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LLD.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By a decree given on the 24th March 2009, in the records of the Sworn Application number 784/08 GV, in the names Condorelli Matthew vs APS Bank Limited (C 2192) the First Hall Civil Court, ordered the following publication for the purpose of service of the third parties called into the suit, in terms of Article 187(3) of Cap. 12. Whereas the third party Pierre Calleja, only, has not been notified, this publication should serve in order that he be notified.

By means of a Sworn Application filed in the First Hall Civil Court, in the names Matthew Condorelli ID 223299(M) vs APS Bank Limited (C2192) and by decree of the 23rd January 2009, the Court ordered that Multichem International Limited, and Pierre Calleja and Josephine Vella, be called into the cause, on the 1st August 2008, the applicant Matthew Condorelli, ID 223299(M) asked the respondent company to state why this Honourable Court should not:

1. Declare that the movable objects seized by means of the Warrant of Seizure, mentioned in the application are all property of the applicant.

2. Consequently order the cancellation of the Warrant of Seizure above mentioned and the release of the objects seized in favour of the applicant.

With costs, against the respondent company, from now summoned so that a reference to its evidence be made.

List of witnesses.

List of Documents.

Third party: Pierre Calleja, 38, Belvedere Street, Gżira.

The Sworn Application number 784/2008 JZM, in the names Condorelli Matthew vs APS Bank Limited (C 2192) has been put off to Tuesday, 23rd June 2009, after 9.00 a.m.

Registry of the Superior Courts, today 15th June 2009.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registar Civil Courts and Tribunals

1030

B’digriet tat-2 ta’ Diċembru 2008, il-Prim’Awla tal-Qorti Ċivili, ordnat il-pubblikazzjoni tal-bandu li jidher hawn taħt għall-finijiet tal-Artikolu 931(3) tal-Kodiċi ta’ Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta’ Malta

Lill-Marixxall tal-Qorti

Billi b’digriet mogħti minn din il-Qorti, fit-2 ta’ Diċembru 2008, fuq talba ta’ Dott. Luigi A. Sansone, LL.B. (Hons) LLD. noe, ġie ordnat biex jintgħażlu kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lill-intimata America Import Corp. S.A. fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 1183/08 RCP, fl-ismijiet Dott. Luigi A. Sansone noe vs Kuraturi Deputati u fl-atti l-oħra relattivi u sussegwenti.

Permezz ta’ Rikors fl-ismijiet Avukat Dottor Luigi A. Sansone, LLB (Hons) LL.D. detentur tal-Karta tal-Identità numru 258269 ittra ‘M’ bħala mandatarju speċjali ta’ Gallaher Limited, kumpannija estera ta’ nazzjonalità Ingliża reġistrata fir-Reġistru tal-kumpanniji ta’ Ingilterra u Wales, b’indirizz ta’ Members Hill, Brooklands Road, Weybridge, Surrey KT 13 0QU vs Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw lil America Import Corp. S.A. ta’ Colon Free Zone, Panama, fis-27 ta’ Novembru 2008, fejn talbu lil din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara li l-oġġetti konsistenti fi kwantità ta’ prodotti ta’ sigaretti ġewwa pakketti lkoll ġo kaxxi tal-kartun li fihom sinjali ‘SOVEREIGN’ kif ukoll fil-każ tal-pakketti u tal-kaxxi tal-kartun relattivi sinjali ‘ta’ kavallier jiġġieled ma’ dragun’ ilkoll bħal dawk tas-soċjetà attriċi u li kollha jinsabu preżentement miżmuma taħt l-Awtorità tal-Kontrollur tad-Dwana, wara li huwa kien sab il-Container ECMU 9701349, kif fih l-imsemmija oġġetti jikkontravvjenu d-drittijiet ta’ proprjetà intellettwali tas-soċjetà attriċi.

2. Tordna lill-Kontrollu tad-Dwana li jiddisponi minn tali oġġetti ’l hinn mill-Kanali tal-Kummerċ, b’dak il-mod li jipprekludu xi ħsara lis-soċjetà attriċi jew tordna lill-Kontrollur tad-Dwana, jiddistruġġi dawk l-oġġetti f’kull każ mingħajr ebda kumpens lil u a spejjeż tal-konvenuta.

3. Tieħu jew tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jieħu dwar dawk l-oġġetti kull miżura oħra li jkollha l-effett

By means of a decree of the 2nd December 2008, the First Hall Civil Court ordered the publication of the bann which appears hereunder for the purpose of Article 931(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Bann for Curators

Republic of Malta

To the Marshall of the Court

Whereas by a decree given by this Court on the 2nd December 2008, following a request by Dr Luigi A. Sansone, LLB (Hons) LL.D. noe, it was ordered that Deputy Curators be chosen to represent the respondent America Import Corp. S.A. in the records of the Sworn Application number 1183/08 RCP, in the names Dr Luigi A. Sansone vs Deputy Curators and in the relative and subsequent Acts.

By means of an Application in the names Advocate Dr Luigi A. Sansone, LLB (Hons) LL.D. holder of Identity Card number 258269 letter ‘M’ as special mandatary of Gallaher Limited, a foreign company domiciled in England, registered in the Register of companies of England and Wales with an address of Members Hill, Brooklands Road, Weybridge, Surrey KT 13 0QU vs Deputy Curtators to represent America Import Corp. S.A of Colon Free Zone, Panama, on the 27th November 2008, whereby they asked this Honourable Court:

1. To declare that the objects consisting in a quantity of cigarette products inside packets all in cartoon boxes which have the marks ‘SOVEREIGN’ as well in the case of the packets and the relative cartoon boxes – signs ‘of a chevalier fighting with a dragon’ all like those of the plaintiff company and which presently are held under the Authority of the Comptroller of Customs after he had found the Container ECMU 9701349 which contained the said objects contravene the rights of intellectual property of the plaintiff company.

2. To order the Comptroller of Customs to dispose of the said objects outside the Chanels of Commerce in such a manner as to preculde any damage to the plaintiff company or order the Comptroller of Customs, to destroy those objects in any manner without any compensation and at the expense of the defendant.

3. To take or order the Comptroller of Customs to take as regards those objects any other measure that shall have the

li effettivament iċċaħħad lill-konvenuta mill-benefiċċji ekonomici tat-transazzjoni;

4. Tordna li l-konvenuta għandha tbati l-ispejjeż kollha konnessi mal-miżuri ordnati ai termini tat-tieni u tat-tielet talbiet attriċi ...omissis...

Bl-ispejjeż, kontra l-konvenuta li tibqa' minn issa inġunta għas-subizzjoni.

Lista ta' xhieda.

Elenku ta' Dokumenti.

Notifiki: Attur nomine Avukat Dottor Luigi A. Sansone, LLB (Hons) LLD detentur tal-Karta tal-Identità numru 258269 ittra 'M' bħala mandatarju speċjali ta' Gallaher Limited, kumpannija estera ta' nazzjonalità Ingliża, reġistrata fir-reġistru tal-kumpanniji ta' Ingilterra u Wales b'indirizz ta' Members Hill, Brooklands Road, Weybridge, Surrey KT 13 OQU – 84, Melita Street, Valletta VLT 1120.

Konvenuta: Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw lil America Import Corp S.A. ta' Colon Free Zone/Panama, il-Qorti, Valletta (żewġ kopji).

Int għaldaqstant ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti Superjuri u sejjaħ b'dan lil kull min irid jidħol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt ijiem f'dan ir-Reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Int ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħżel kuratur tal-uffiċċju.

U wara li tkun għamilt dana, jew jekk tiltaqa' ma xi xkiel fl-eżekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti Ċivili Prim' Awla hawn fuq imsemmija bix-xhieda tal-Onor. Imħallef Lino Farrugia Sacco, LL.D.

Illum 2 ta' Diċembru, 2008.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 15 ta'Ġunju, 2009.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

effect to deprive the defendant of the economic benefits of the transaction.

4. To order that the defendant is to bear all the costs in connection with the measures ordered in terms of the second and third demands of the plaintiff …omissis...

With costs against the defendants who remain summoned so that a reference to his evidence be made.

List of witnesses.

List of Documents.

Notify: Plaintiff nomine: Advocate Dr Luigi A. Sansone, LLB (Hons) LL.D. holder of Identity Card number 258269 letter 'M' as special mandatary of Gallaher Limited, a foreign company domiciled in England, in the register of companies of England and Wales with an address of Members Hill, Brooklands Road, Weybridge, Surrey KT 13 0QU -84, Melita Street, Valletta VLT 1120.

Defendant: Deputy Curators to represent America Import Corp S.A. of Colon Free Zone/Panama, Courts of Justice, Valletta (two copies).

You are therefore ordered to affix an official copy of this bann of this Superior Court and to summon whosoever wishes to act as curator to appear before this Registry within six days and by means of a minute to submit a declaration that he wishes so to act.

You are also ordered to inform each one that if he fails to make this declaration within the stipulated time, the Court will proceed to the selection of curators of office.

And after so acting or if you should encounter any difficulty in the execution of the said bann, you are to inform forthwith this Court.

Given by the Civil Court First Hall above mentioned with the witness of the Hon. Mr Justice Lino Farrugia Sacco, LL.D.

Today 2nd December, 2008.

Registry of the Superior Courts, today 15th June 2009.

ADV. DR FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta riċiklata— *Printed at the Government Printing Press on recycled paper*